MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 217/2012

PF Steel Ltd. (C 45128)
vs
Tal-Maghtab Construction Ltd. (C 11485)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-kumpannija PF Steel Ltd. u konfermat bil-gurament minn Paul Falzon li bih esponiet:

Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat lis-socjeta`; intimata hadid uzat fix-xoghol tal-kostruzzjoni skond prospett anness mar-rikors (Dok.A);

Illi s-socjeta` intimata tinsab moruza fil-pagamenti u l-bilanc dovut sal-lum bl-imghax legali kalkolat sal-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u tnax (2011) huwa ta' sitta u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin Euro u tleita u sebghin centezmu (€26,827.73);

Illi nonostante interpellati s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk, l-ammont dovut mis-socjeta` intimata huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, is-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi *ai termini* ta' Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza;

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin Euro u tleita u sebghin centezmu (€26,827.73) u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes tal-presenti, tal-mandat ta' sekwestru u ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax legali dekorribbli mill-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u tnax (2011) sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata skond il-ligi.

Gie prezentat affidavit ta' Paul Falzon fejn issemma li s-socjeta` PF Steel Ltd. bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` intimata hadid uzat fix-xoghol tal-kostruzzjoni skond il-

prospett anness mar-rikors promotur. Illi sa meta pprezenta l-affidavit l-ammont dovut kien ta' €26,827.73.

Xehed Dr. Patrick Valentino u qal li l-ammont li fadal huwa ta' sebat elef u sitta u hamsin Euro u sitta u erbghin centezmu (€7,056.46).

Rat in-nota li permezz taghha Dr. Patrick Valentino ghas-socjeta` rikorrenti irrinunzja ghall-imghax.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sebat elef u sitta u hamsin Euro u sitta u erbghin centezmu (€7,056.46).

Bl-ispejjes tal-presenti, tal-mandat ta' sekwestru u ta' l-ittra ufficjali, kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------